# IL-ĠURDIENA U L-LIFGĦA

Ġurdiena ħarġet fil-għaxija ddur dawra għar-rwieħ wara nżul ix-xemx. Kif kienet miexja għal xogħolha qalb il-ħaxix, toħroġ lifgħa minn toqba taħt l-art ma' ġenbha.

"Saħħa għalik" qaltilha l-lifgħa; "Saħtejn" wieġbet il-ġurdiena; u erħilhom jitħaddu fuq il-ħwejjeġ ta' djarhom. Kelma ġġib l-oħra, bdew jitmiegħru u jitlewmu. "Oqgħod ja ħalliela", qalet il-lifgħa lill-ġurdiena, "Int tidħol fi djar in-nies, tiekol ħwejjiġhom, wiċċ bla mistħija!"

"Int tgħajjar lili?" wieġbet il-ġurdiena: "Jekk jien ħalliela, int qattiela: tigdem in-nies u b'semmek toqtolhom. Jien nieħu ħwejjeġ in-nies, int teħdilhom ħajjithom, qalb bla ruħ!"

"Mhux minnu" reġgħet il-lifgħa; "M'jiniex jien li noqtol in-nies, imma huma joqtlu lilhom infushom." 'K'int trid, inġarrablek iss'issa!"

"Naqbdek fil-kelma", wieġbet il-ġurdiena; "kif sejra ġġarrabli?"

"Nagħmlu hekk", ftiehmet il-lifgħa: "Intix tara hemm fuq dak ir-raġel ġej 'ilhawn? Issa jgħaddi minn ħdejna: kif jasal, jien nigdmu f'riġlu u nistaħba u int oħroġ dur dawra ma' dwaru, ħalli jarak u jaħseb li gdimtu int. Jekk ma jmutx, tara li m'jiniex jien li noqtol in-nies, mita nigdimhom. Inbagħad nistennew raġel ieħor: int igdmu f'riġlu u staħba, u jien noħroġ indur ma' dwaru biex jaħseb li gdimtu jien; jekk imut bil-gidma, ma tkunx qtiltu int, għax, bħal ma taf, m'għandekx semm; mela huwa jkun qatel lilu n-nifsu."

Għoġobha l-ħjiel lill-ġurdiena, u staħbew it-tnejn taħt troffa ħaxix ma' għerq it-trejqa.

Wasal ir-raġel; il-lifgħa żeġġet minn qalb il-ħaxix, ħabtet għal għarqubu; gidmitu u reġgħet inħbiet fil-ħaxix. Qabżet il-ġurdiena fid-daqqa, għaddiet minn fuq riġlu, u daret dawra ma' dwaru.

Ir-raġel kif ħass il-weġgħa, ħares biex jara x'kien qarsu; jara l-ġurdiena, jisbel għaliha: "Jaħraq ġensek, ja ġurdien! riġli ġejt gdimt?" Ma dan kollu, baqa' sejjer triqtu bla ma waqaf.

Wara ftit għadda raġel ieħor. X'ħin wasal fejn kienu mistoħbijin, il-lifgħa qalet lill-ġurdiena: "Isa, aħbat għal riġlu!" Qabżet il-ġurdiena, gidmitu f'għarqubu u staħbiet.



Ħarġet il-lifgħa u qabdet tiġri u tħaxwex fost il-ħaxix ma' ġenbu.

Kif lemaħha r-raġel, inqata', beda jgħajjat u jwerżaq: "Lifgħa gidmitni! Lifgħa tatni s-semm! Sejjer immut!" U telaq għal erbgħa, ġirja waħda għal għand it-tabib.

Malli dan, qalet il-lifgħa lill-ġurdiena: "M'n għada l-quddiem niġu hawn kull fil-għodu min ma jmutx minn dawn iż-żewġt irġiel li qrasna, jarġa' jgħaddi minn hawn darb'oħra; min imut nisimgħu xi ħaġa fuqu min-nies li jkunu għaddejjin". Sellmu 'l xulxin u kull waħda reġgħet lejn darha.

* * *

Dak li kienet gidmitu l-lifgħa u ħaseb li kienet il-ġurdiena, malli wasal id-dar, kif ħass li l-ġerħa għadha taħarqu sieħ 'il mara, u qallha: "Taf xi ġrali? Fit-triq jien u ġej ħareġ għalija ġurdien u gidimni! jaħraq ġensu! u l-ġerħa għadha taħraqni."

"Aħsilha b'nitfa misħun," qaltlu martu; "Jista' jkun li daħlitlek fiha xi ftit għabra".

Ħasilha r-raġel u rabatha b'ċarruta nadifa, u mar jorqod. Sal-għada, iċ-ċarruta kienet inħallet weħedha, u l-uġigħ reħa għal kollox. Hu qam fil-għodu u mar għax-xogħol bħal dari u la ftakar iżjed fil-ġerħa u anqas fil-ġurdien.

Imma l-ieħor — dak li kienet gidmitu l-ġurdiena — kif wasal għand it-tabib, xteħet fuq maqgħad iwaħwaħ u jogħrok il-ġerħa. Ratu l-qaddejja u taha ferħ ta' ġenn; għajtet it-tabib li niżel minn fuq bħal berqa; qabad jiflilu l-ġerħa li bil-għerik kienet saret ħamra nar. "Kif saritlek, dil-ġerħa, sieħeb?" saqsieh! "Qarsitni lifgħa u semmitni", wieġeb in-nar u l-ieħor. It-tabib f'daqqa t'għajn ġieb ix-xfafar, in-nar u kemm-il kus duwa. Qasamlu l-ġerħa, ħaraqha, u sawwablu fiha d-duwa; ħażżimlu riġlu u bagħtu lejn daru fuq l-idejn, għax wara dak il-qtigħ kollu le ma seta' jimxi. Id-dar, qegħduh fil-friex; kif daħal il-lejl qabdu d-deni; qabad ihewden. Fil-għodu, qabel is-sebħ, mar id-dinja l-oħra.

* * *

Ma tlugħ ix-xemx, il-lifgħa u l-ġurdiena sabu ruħhom fejn kien għenelli. Issellmu u qagħdu jistennew bla kliem— għax beżgħu li jerġgħu jiftluha. Wara xi nofs siegħa, in-nies bdiet għaddejja. Fid-daqqa u l-ħin qabżet il-lifgħa: "Arah ġej dak li gdimtu jien! M'għedtlekx li ma jmutx? arah, anqas biss jofrok!"

"S'issa rbaħt int!" wieġbet il-ġurdiena, u siktet.

*

G. B

fl-kittieb tagħna G.B. li qiegħed Gerusalemm, fil-immr skiitt ta' din il-ħrafa għarbija li għoġbu jibagħtilnaghall-UALTF, żamm xi kliem u xigħidud kifinhuma fil-gMi bla ma qagħad jara lidawn, meta daħlu filsienna, "Msi d-dazju" biex saru maltin. Insemmu tnejn.

(1) *Lifgha* (bl-artikolu *il-lifqha),* niżżilha *ifgħa* (bl-uS kolu *l-ifgħa)* u taħt, għamel dinit-tagħrifa żgħira:

"Aħna l-Maltin ngħidu u niktbu ħażin *lifgħa%* għax inwaWlnHJ *it-lagħrif* ma' l-isem, waqt li m'għandux ikun iiekk: għandna *mth mf* ii nifctbu *ifgħa* u mhux *lifgħa; abra* u mhux *labra; ina* u mhux *dma,*

Il-kliem malti *lifgħa, labra, ilma* tassew li ftojjinin* għarbi *ifgha, abray may* imma 1-Malti dejjem iħossħom bjfl guddiemhom li saret ħaġa waħda magħhom J-kliem bil-għarbi għamlithom kliem bil-malti. u-kelma taljana *attta* bil-malti saret *lasta* u bl-ar *d-lasta.* Dintissejjah *prothesis.* fil inatt

Bihnaqlub: *l-dle* tal-kelma taljana *UtUra,* waqgħet u 1-kelma maltija hi itfra, bla artikow. M-aitikoiu. Dintissejjaħ *aphceresis.* . i^eli ; Afta% fiWaqt Unagħirfu minn fejn tkun *W» Sflandna niktbuha kifqagħdet biex saret maW> *

(2) G.B. kiteb mitf *majmut* u aħna eewwejn ^

Jwute, għax in-negattiv, tal-malti, iktarx hu ^ ^ħux għal kollox bħall-għarbi lidan quddiem il-verb

# IfsjT ALLA BANIN"

Bla bidu,
bla tmiem,
fik mogħni
bis-sliem,
fl-imgħoddi,
fli ġej,
min bħalek,
Mulej ?
Tal-ħlejjaq
is-Sid,
fik jibda
kull ġid :
fsetegħtek
din 1-art
bi ġmielha
sawwart,
u tagħha
(il-ħdan
lil bniedem
sultan
mort tqiegħed,
n 1-ġieh,
tagħ iben
tatih.
Hu regħxek
u miel
fuq ħolnia
ta' ġmiel
qarrieqi :
iżd'Int
lil ħati
weżint

u, twajjeb,
mill-ġdid
med dejtlu
dik 1-icl
li kienet
mix-xejn
ħalqitu :
darbtejn
bekk Inti
fissirt
ta' mħabbtek
il-wirt.
Oh Fidwa!
Oh Sebħ
ta' hena
ta' rebħ!
Fik tjieba,
fik ġieh,
fik nisel
sabiħ.
Mhux minnek
ikun
jekk bniedem
miġnun
jintilef
U jdub
fir-rwiefen
lad-dnub,
għax Inti,
Mulej,
tal-midneb
Feddej:

salibek
ħaddant
u 'l-Għadu *
rażżant;
ta' qalbek
għal ħbieb
ftaħt beraħ
il-bieb
u fdemmek
mgħammdin
iġġed'du
1-ħatjin.
Tal-ħlejjaq
is-Sid,
fawwara
ta' ġid,
ma tinsa
lil ħadd,
bik mogħni
kull ħadd. .
Jekk saħħa,
jekk mard,
jekk għomma,
jekk bard ;
fll-ħdma
fls-serħ,
fln-niket,
fll-ferħ
kull siegħa,
kull ħin.
int AHa
ħanin. (U

Dun K8rrn-

K , » • tllet siilabi, bir-n.»a ^idftol fk"
U) Għożilt dawn il-versi qosra t» tagħni J^jA-aħda kull
għadhom ma dehrux, hiex nun ' U* ^
U« poeżija, u 11 r-rimi m JOIK » ^ b „ Ui
***** iU4bi, k^mm-il-darba jkuu W*